MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2007

Numru 1/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**v**

**REDENT CIANTAR**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **REDENT CIANTAR** ta’ dsatax il-sena bin Michael u Lorenza nee Agius, imwieled Pieta nhar l-erbatax ta’ Lulju 1988 u residenti Flat 3, Bini Carmage, Triq San Vincenz, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 317288M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sitta w is- sebgha ta’ Awissu 2007 b’diversi atti maghmulin b’risoluzzjoni wahda gewwa l-kazin tal-banda San Gejtanu, fi Triq il-Kbira fil-Hamrun;

1. hebb ghal diversi persuni sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jghamlilhom hsara;

2. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, hedded lil diversi nies bi kliem;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha;

5. talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano b'sentenza datata erbgha ta' Lulju 2007, liema sentenza saret definittiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar s-sebgha ta' Awissu 2007 w il-fedina penali tal-istess imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sebgha ta' Awissu 2007 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dakinhar stess.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu, kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sebgha t'Awissu 2007, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu sebgha reati registrati fuqha fejn inghata multa, conditional discharge u canfira, pero jidher li l-imputat ma tghallimx jisfrutta dawn l-opportunitajiet ghaliex rega’ jinsab quddiem l-Qorti akkuzat bir-reat odjerni;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

Ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli **339(d), 338(e), 339(dd) u 342** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat REDENT CIANTAR hati tal-akkuzi kif ammessi minnu stess u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ hamsa w ghoxrin (25) lira ghal ewwel (1), t-tieni (2), t-tielet (3) w r-raba (4) akkuza u ghal hlas ta’ mitt (100) lira amenda fir-rigward tal-hames (5) akkuza, b’dan li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tali somma ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' ghoxrin [20] lira maltin u f’kaz li l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**Tordna wkoll li l-imputat m’ghandu jattendi ghal ebda attivita, tkun li tkun, in konnessjoni mal-festa ta’ San Gejtanu ta’ din s-sena.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------